VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,505, 13 ta' Novembru, 2009
Taqsima B

A.L. 337 ta' l-2009

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Ilma u s-Servizzi tad-Drenaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Ilma u s-Servizzi tad-Drenaġġ, u dawn għandhom jinqraw u jifthemu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2004 dwar il-Provvista tal-Ilma u s-Servizzi tad-Drenaġġ, hawn aktar 'il quddiem msejjħa bħala "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 525 tal-2004.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) ir-regolament kollu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-sub-regolament (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:-

"(2) Id-drittijiet għal liċenza u l-multi u d-drittijiet għal *e-tracking* għandhom jiġu stabbiliti skond l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din l-iskeda ġdida li ġejja:

B 3774

“SKEDA

Applikazzjoni u Drittijiet għal Liċenza għal operaturi ta’ *water tanker*

Regolament 7 (2)

Drittijiet ta’ liċenza u multi għal *e-tracking* għal *water tankers*:

1	Dritt għal liċenza annwali	€200 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma
2	Dritt għal *e-tracking* annwali	€425 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma
3	Dritt ta’ darba għal installazzjoni ta’ *sensor* għal livell ta’ l-ilma għal *water tanker* jew karru	€800 għal kull *water tanker* jew karru li jkollu liċenza biex iġorr l-ilma”.